**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 7 TA' DICEMBRU, 2001**

**Avviz Nru: 1344/01 AJD**

**Intercomp Limited**

**Vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u disgha u tletin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm839.35), in kwantu ghal seba' mija u tnejn u tmenin liri Maltin (Lm782.00) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, kif ukoll sebgha u hamsin liri Maltn u hamsa u tletin centezmu (Lm57.35) bhala imghax fuq l-imsemmi bilanc sas-26 ta' Gunju, 2000, meta s-socjeta' konvenuta giet interpellata tissalda dan id-debitu b'ittra ufficjali.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra uficjali tas-26 ta' Gunju, 2000, u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Simon Galea Testaferrata ghan-nom tas-socjeta' attrici, li

kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u disgha u tletin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm839.35) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**